**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — Ligny Pesca di Guaiana Francesco et vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-330/08)** [1]

***("Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 530/2008 — Irkupru tal-istokkijiet tat-tonn — Iffissar tat-TAC għas-sena 2008 — Att ta' portata ġenerali — Nuqqas ta' effett individwali — Inammissibbiltà")***

(2012/C 109/26)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ligny Pesca di Guaiana Francesco e C. Snc (Trapani, l-Italja) u s-sitt rikorrenti oħra li isimhom jidher fl-anness fid-digriet (rappreżentanti: A. Clarizia, P. Ziotti, P. De Luca, A. Amatucci u R. Malinconico, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Annullament tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU L 155, p. 9)

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli*

(2) *Ligny Pesca di Guaiana Francesco e C. Snc u s-sitt rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

[1] ĠU C 272, 25.10.2008.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — Federcoopesca et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-366/08)** [1]

***("Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 530/2008 — Rikostituzzjoni tal-ħażniet tat-tonn aħmar — Iffissar tat-TAC għall-2008 — Att ta' portata ġenerali — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")***

(2012/C 109/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Federazione Nazionale delle Cooperative della Pesca (Federcoopesca) (Ruma, l-Italja) u t-tmien rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jinsabu indikati fl-Anness tad-Digriet (rappreżentanti: P. Cavasola, V. Cannizzaro, G. Micucci, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008 tat-12 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU L 155, p. 9).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Il-Federazione Nazionale delle Cooperative della Pesca (Federcoopesca) u t-tmien rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jinsabu indikati fl-Anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

[1] ĠU C 301, 22.11.2008.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2012 — Dagher vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-218/11 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire — Irtirar tal-lista tal-persuni kkonċernati — Talba għal miżuri provviżorji — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2012/C 109/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Habib Roland Dagher (Abidjan, Côte d'Ivoire) (rappreżentanti: J.-Y. Dupeux u F. Dressen, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u E. Dumitriu-Segnana, aġenti)

**Suġġett**

L-ewwel nett, talba intiża biex il-Kunsill u r-Repubblika Taljana jingħataw l-ordni li joħorġu lir-rikorrent viża, it-tieni nett, talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 85/2011, tal-31 ta' Jannar 2011, li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005, li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire (ĠU L 28, p. 32) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/71/PESK, tal-31 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK, li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (ĠU L 28, p. 60), u t-tielet nett, talba għall-kumpens għad-danni allegatament miġruba mir-rikorrent.